

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-12 ta' Diċembru 2014 – Luigi Macchia vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-63/11 RENV) ⁽¹⁾****(Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Rinviju għall-Qorti Ġenerali wara l-annullament — Nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratt għal żmien determinat — Setgħa diskrezzjonali tal-amministrazzjoni — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Rikors manifestament inammissibbli u manifestament infondat)**

(2015/C 034/58)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Luigi Macchia (Ruma, l-Italja) (rappreżentanti: S. Rodrigues, A. Blot u C. Bernard-Glanz, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u G. Gattinara, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni impliċita li ma jiġix imġedded il-kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju fis-sens tal-Artikolu 2(a) tal-Kondizzjonijiet tal-impjeg tar-rikorrent.

Dispożittiv tad-Digriet

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat.
- 2) L. Macchia għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess sostnuti rispettivament fil-Kawża F-63/11, T-368/12 P u F-63/11 RENV kif ukoll l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea fil-Kawża F-63/11 u F-63/11 RENV.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat l-ispejjeż tagħha stess sostnuti fil-Kawża T-368/12 P.

⁽¹⁾ ĠU C 226, 30.07.2011, p. 32.

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tal-11 ta' Diċembru 2014 – Iliopoulou vs Europol**(Kawża F-21/14) ⁽¹⁾****(Servizz pubbliku — Persunal tal-Europol — Konvenzjoni Europol — Regolamenti tal-Persunal ta' Europol — Deċiżjoni 2009/371/ĠAI — Applikazzjoni tal-Kondizzjonijiet tal-impjeg għall-aġenti tal-Europol — Nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju għal żmien determinat — Rifjut li jingħata kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju għal żmien indeterminat)**

(2015/C 034/59)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Hariklia Iliopoulou (Wassenaar, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: J.-J. Ghosez, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (rappreżentanti: J. Arnould u D. Neumann, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li ma jiġgeddid, għal żmien indeterminat, il-kuntratt għal żmien determinat tar-rikorrenti u li l-Europol jiġi kkundannat iħallas lir-rikorrenti d-differenza bejn l-ammont tar-remunerazzjoni li hija setgħet tirċievi li kieku baqgħet taħdem u l-allowances tal-qgħad jew kwalunkwe allowance oħra ta' sostituzzjoni li hija rċeviet.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll nofs l-ispejjeż sostnuti minn H. Iliopoulou.
- 3) H. Iliopoulou għandha tbat i nofs l-ispejjeż tagħha.

(¹) ĠU C 184, 16/06/2014. P. 42.

_Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-10 ta' Diċembru 2014 – Turkington vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-127/14)

(Servizz pubbliku — Uffiċċjali — Pensjonijiet — Trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba lejn skema ta' pensjoni nazzjonali — Proposta ta' akkreditazzjoni tas-snin ta' servizz mhux ikkontestata fit-terminu — Nuqqas ta' fatt ġdid u sostanzjali — Inammissibbiltà manifesta)

(2015/C 034/60)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Stephen Turkington (Trèves, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Salerno, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u G. Gattinara, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta li tikkalkola mill-ġdid l-akkreditazzjoni tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba mir-rikorrent fl-iskema ta' pensjoni tal-Unjoni skont dispożizzjonijiet ġenerali ġodda ta' eżekuzzjoni relatati mal-Artikoli 11 u 12 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Dispożittiv tad-digriet

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- 2) S. Turkington għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Ottubru 2014 – ZZ vs Il-Kummissjoni u SEAE

(Kawża F-126/14)

(2015/C 034/61)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: ZZ (rappreżentant: M. Tallent, avukat)

Konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea u Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE)